MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 475/2005

**Joseph Degabriele (ID2253M)**
**vs**
**Cettina Degiorgio**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Frar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tletin lira Maltija (Lm230.00), bhala bilanc akkont rimanenti rapprezentanti ordnijiet ta' xorb alkoholiku u ta' xorb iehor varju li gew ordnati mill-konvenuta minghand l-attur u liema xorb gie kkonsenjat fl-intier tieghu lill-konvenuta.**
**Illi l-konvenuta giet interpellata thallas skond l-ittra tat-30 ta' Jannar, 2005.**
**Bl-ispejjez u bl-imghax legali mit-30 ta' Jannar, 2005.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-28 ta' Marzu, 2005, fejn intqal illi l-azzjoni odjerna hija ntempestiva stante illi l-kontendenti kienu ftehmu illi l-ammont**

**dovut jithallas f'rati mensili, liema skadenzi ghadhom m'ghalqux kollha.**
**Ili minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub m'huwiex dovut kollu.**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra l-affidavit ta' Joseph Degabriele. Semgha x-xhieda ta' Cettina Degiorgio. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Il-put f'din il-kawza huwa dwar jekk l-azzjoni hijiex intempestiva, in kwantu l-ammont dovut mill-konvenuta jithallas f'rati mensili, liema skadenzi ma skadewx.**
**2. Jirrzulta li l-kont originarjament kien ta' erba' mija u zewg liri Maltin (Lm402.00), u mal-konsenja kienet hallset mija u zewg liri Maltin (Lm102.00). Wara l-konvenuta hallset b 'rati, gieli ghaxar liri fix-xahar u geli ghoxrin lira. L-attur jikkonferma li qatt ma kien hemm ftehim dwar kif ser isir il-hlas.**
**3. Il-konvenuta indkat li l-problema li kellha dwar il-pagamenti kien li ma setghetx thallas f'daqqa.**
**4. It-Tribunal jinnota li ma ngiebet ebda prova mill-konvenuta dwar li kien hemm xi ftehim li thallas f'rati mensili, u jirrizulta evidenti li l-problema tal-konvenuta kienet wahda finanzjarja.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' mitejn u tletin lira Maltija (Lm230.00) bl-imghax legali mit-30 ta' Jannar, 2005, u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------